# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 64**

**Rikors numru 444/14/1**

**Conrad Montebello**

**v.**

**Neil Cilia u Actavis Limited (C-2867)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat ta' Conrad Montebello, ippreżentat minnu fit-22 ta' Mejju, 2014, li permezz tiegħu ngħad:

> " <u>Dikjarazzjoni tal-Fatti</u>
>
> 1. Illi nhar it-2 ta' Settembru 2010, l-esponenti huwa wegga' waqt li kien fuq il-post tax-xoghol tieghu gewwa Actavis Limited, BLB 616, Bulebel Industrial Estate, Zejtun, wara illi l-intimat Neil Cilia li, flimkien ma' l-esponenti huwa wkoll huwa impjegat mas-socjeta` intimata Actavis Limited, faqqa`ingwanta tal-latex f'widen l-esponenti waqt il-hin tax-xoghol;

2. Illi bhala rizultat ta' dan l-incident l-esponenti soffra d-danni, inkluzi dawk rizultanti minn dizabilita` permanenti minhabba kundizzjoni f'widintu ikkagunata mit-tfaqqigh ta' l-ingwanta da parti ta' l-intimat Neil Cilia kif fuq imsemmi;

**<u>Ir-Raguni tat-Talba</u>**

3. Illi in fatti l-incident *de quo*, kif ukoll id-danni u d-dizabilita` permanenti konsegwenzjali, gew ikkagunati unikament minhabba traskuragni, imperizja, nuqqas ta' hsieb, u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti, kif ukoll nuqqas ta' adempiment ta' obbligi inkluz dawk ta' supervizjoni adegwata da parti ta' l-intimati jew min minnhom;

4. Illi minkejja li gew debitament interpellati sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni konsegwenzjali sofferti mill-esponenti bhala rizultat ta' dan l-incident, inkluz permezz ta' ittra ufficjali datata 20 ta' Lulju 2012 debitament notifikata lill-intimati u li kopja taghha qed tigi hawn anness, esebita u mmarkata Dok. A, l-istess intimati baqghu inadempjenti;

5. Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza ta' l-esponenti.

**<u>It-Talbiet</u>**

Ighidu ghalhekk l-intimati ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-incident li sehh fit-2 ta' Settembru 2010 waqt illi r-rikorrenti kien fuq il-post tax-xoghol tieghu gewwa Actavis Limited, BLB 616, Bulebel Industrial Estate, Zejtun, gara tort ta' l-Intimati jew min minnhom;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi bhala konsegwenza ta' l-incident fuq imsemmi, ir-rikorrenti soffra d-danni, inkluzi danni rizultanti minn dizabilita` permanenti;

3. Tillikwida d-danni kollha, kemm dawk konsistenti f'damnum emergens kif ukoll dawk konsistenti f'lucrum cessans, sofferti mir-rikorrenti bhala konsegwenza ta' l-imsemmi incident, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

4. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-20 ta' Lulju 2012 u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment, u imghaxijiet legali kontra l-intimati li jibqghu minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

2. Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta` konvenuta Actavis Limited, ippreżentata minnha fit-13 ta' Ġunju, 2014, li permezz tagħha ġie eċċepit:

> "1. Illi, l-attur kien u għadu impjegat mal-kumpannija intimata mit-30 ta' Lulju 2007 u fit-2 ta' Settembru 2010, huwa kien involut f'inċident fejn allegatament kollega tiegħu fuq ix-xogħol, ċioe' il-konvenut Neil Cilia, faqa' ingwanta tal-*latex* mal-widna xellugija tar-rikorrent Montebello;
>
> 2. Illi l-kumpannija intimata m'għandha l-ebda tort fl-inċident in kwistjoni li ġara *se mai* unikament minħabba aġir *da parte* ta' terzi persuni;
>
> 3. Illi l-kumpannija intimata ma taħti bl-ebda mod għad-danni jew għad-debilita' li allegatament sofra r-rikorrent peress illi l-kumpannija intimata ħadet il-prekawzjonijiet kollha rikjesti fil-Liġi biex tissalvagwardja l-impjegati tagħha minn inċidenti li għandhom x'jaqsmu max-xogħol ta' l-impjegati tagħha;
>
> 4. Illi jekk kien hemm xi nuqqas fl-inċident in kwistjoni, dan żgur li ma kienx la tort tal-kumpannija intimata u anqas tad-diriġenti tagħha għaliex ma hemm l-ebda konnesjoni bejn l-inċident u l-aġir tal-kumpannija u għalhekk kull nuqqas jew negliġenza li jista' jirriżulta għandu jwieġeb għaliha direttament min, jekk ikun il-każ, jirriżulta li naqas jew kien negliġenti. Konsegwentement il-kumpannija intimata ma hija responsabbli għal ebda danni li seta' sofra r-rikorrent;
>
> 5. Illi, għandu jigi nnotat wkoll li l-kumpannija intimata rrispondiet għal-ittra uffiċjali biex tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni permezz ta' ittra datata 8 ta' Awwissu 2012.
>
> Għalhekk il-kumpannija intimata Actavis Limited kif debitament rrappreżentata fuq dan l-att titlob bir-rispett li l-Qorti tiddikjara:
>
> i. Illi t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attur u/jew konvenut intimat Neil Cilia stante illli l-kumpannija intimata ma hija responsabbli għal ebda danni konsegwenzjali li seta' soffra r-rikorrent, kif ser jiġi ppruvat dettaljament fil-kors tal-kawża odjerna;
>
> ii. Salv eċċezzjonijiet oħra premessi mil-Liġi."

3. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Neil Ray Cilia, ippreżentata minnu wkoll fit-13 ta' Ġunju, 2014, li permezz tagħha ġie eċċepit:

"1) Illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur billi l-incident in kwistjoni ma garax b'tort tal-konvenut Neil Ray Cilia u dana hekk kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza;

2) Illi mingħajr pregudizzju ghal dak appena eccepit, l-ilment ta' l-attur ghandu jissodisfa l-vot tal-ligi u konsegwentement l-istess attur ghandu, sal grad rikjest, jipprova l-htija civili, n-ness kawzattiv u d-danni rizultanti li hu qed jimputa lill-eccipjenti. Fi kwalsiasi kaz, l-eccipjenti jirrezisti l-allegazzjonijiet tal-attur li huma altament inverosimili u ferm improbabili;

3) Illi, mingħajr pregudizzju ghal dak ghas-sovra eccepit, l-konvenut jirriserva d-dritt illi jikkontrolla l-ezistenza u l-grad tad-disabilita' allegata mill-attur u d-danni minnhu riklamat;

4) Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi;

Bl-ispejjez hekk kif dedotti f'din r-risposta guramentata kontra l-attur li minn issa huwa ngunt in subizzjoni."

4. Rat is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-20 ta' Ġunju, 2017, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi, laqgħet it-talbiet attriċi fil-konfront tal-konvenut Cilia, ċaħdet it-talbiet tal-attur kif indirizzati fil-konfront tas-soċjeta` konvenuta Actavis Limited; irrespinġiet ir-risposti tal-konvenut Cilia u laqgħet ir-risposti tas-soċjeta` konvenuta; iddikjarat li l-inċident mertu tal-kawża seħħ unikament tort u ħtija tal-konvenut Cilia; ddikjarat li konsegwenza tal-istess inċident l-attur Conrad Montebello sofra diżabilita` ta' 4%; illikwidat id-danni mġarrba mill-attur konsegwenza tal-inċident li seħħ, fl-ammont ta' €29,885; ikkundannat lill-konvenut Neil Cilia sabiex iħallas lill-attur Montebello l-ammont hekk likwidat; bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-ittra uffiċjali ndirizzata lill-istess konvenut fl-20 ta' Lulju, 2012, sad-data tal-ħlas effettiv.

5. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"10.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

10.1. Illi r-rikorrenti hu impjegat bhala *technician* mas-socjeta` intimata, (ara foll 40);

10.2. Illi fit-2 ta' Settembru, 2010, ir-rikorrenti kien mitlub imur isewwi xi hsara zghira li kienet zviluppat f'xi magna f' *"bay 4"*, (ara foll 40 u 193);

10.3. Illi meta kien sejjer lura fil-post tax-xoghol tieghu ghajjatlu l-intimat Cilia u talbu jmur hdejh, (ara foll 40 u 193);

10.4. Illi hekk kif ir-rikorrenti pogga l-kaxxa tal-ghodda mal-art:

"...res(s)aq idu vicin ta' spallejja fuq in-naha tax-xellug, tmis(s) ezatt ma widnejja, u fil-pront, waqt li kont qed inqum(,) smajt hoss qawwi qisu xi hadd sammar xi martell fuq hadida b'kemm ghandu sahha, jew qisu xi murtal sploda hdejja",(ara foll 40);

10.5. Illi mal-imsemmi hoss ir-rikorrenti jsosstni li ra ingwanta tal-*"latex"* imcarrta f'idejn l-intimat Cilia, (ara foll 40);

10.6. Ili l-hoss fuq deskritt mir-rikorrenti, (ara paragrafu numru ghaxra punt erbgha, (10.4.), kien rizultat ta' din l-ingwanta tal-*"latex"* li l-intimat faqqa' vicin il-widna tax-xellug tar-rikorrenti, (ara foll 40);

10.7. Illi l-intimat min-naha tieghu jsosstni s-segwenti fir-rigward:

10.7.1. Illi hu qala' l-ingwanti li juzaw minn idejh, (ara foll 193);

10.7.2. Illi beda jdawwar ingwanta f'idu, (ara foll 193);

10.7.3. Illi subgha tal-ingwanta faqqa' (ara fol 193);

10.7.4. Illi l-hoss ma damx aktar minn sekonda, (ara foll 193);

10.7.5. Illi fil-"*witness statement*" rilaxxat mill-intimat fil-5 ta' Novembru, 2011, l-istess intimat jghid is-segwenti:

"...I was rubbing and twisting the gloves at which point Conrad kneeled to pick up his tool box from the floor. As he was doing so, a very small noise occurred which originated most likely due to a burst glove bubble...", (ara foll 61);

10.8. Illi rizultat tal-incident in dizamina, ir-rikorrenti jsosstni li sofra danni, inkluza dizabilita` permanenti f'widnejh ix-xellugija;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi skont l-espert mediku espressament appuntat fl-atti ta' din il-procedura biex jezamina lir-rikorrenti gie konstatat is-segwenti:

11.1. Illi ezamina lir-rikorrenti fis-7 ta' Novembru, 2014, (ara foll 36);

11.2. Illi r-rikorrenti qatt ma kien espost ghal hsejjes qawwija fil-passat, (ara foll 36), u lanqas sofra minn daqqa fir-ras, (ara foll 36);

11.3. Illi *di piu`*, l-istess rikorrenti qatt ma sofra minn *tinnitus* jew nuqqas ta' smigh, (ara foll 36);

11.4. Illi rizultat tal-incident in dizamina kien qed jisma' "bhal tisfir, u kulltant damdim, kostanti u mhux pulsanti, u l-ghar li jhossu matul il-gurnata", (ara foll 36);

11.5. Illi r-rikorrenti iddiskriva l-hoss bhala qawwi hafna – izda qatt ma tellfu mill-irqad, (ara foll 36);

11.6. Illi mill-ezamijiet awdjometrici kondotti fuq ir-rikorrenti irrizulta li l-widna x-xellugija wriet "deterjorament car u sinifikanti fil-frekwenzi 3 sa 4kHz, dawn li hu tipiku ta' trawma akustiku", (ara foll 37);

11.7. Illi konsegwentement l-istess espert mediku jirrelata billi jsosstni li:

"...wiehed jista' ragonevolment jikkonkludi li t-*tinnitus* kien fil-fatt konsegwenza diretta tal- hoss", (ara foll 37);

11.8. Illi l-istess espert isosstni *di piu`* is-segwenti:

"Tul is-snin wara l-incident... Montebello kien konsistenti fl-istorja u s-sintomi tieghu, li kienu sintomi tipici ta' dannu akustiku. L-awdjogrammi esegwiti urew dannu li ma kienx prezenti qabel l-impjieg. Jirrizulta difficli li jkun hemm dubju li t-*tinnitus* (m)huwiex rizultat dirett tal- incident", (ara foll 37);

11.9. Illi in vista tal-premess, l-istess espert ikkonkluda li r-rikorrenti qed isofri minn dizabilita` ta' 4%, (ara foll 38);

Ikkunsidrat:

12. Illi din il-qorti m'ghandha l-ebda raguni ghaliex ma tistriehx fuq il-kostatazzjonijiet u fuq il-konkluzjonijiet tal-istess espert mediku in

dizamina, u konsegwentement taghmel taghha il-konkluzjonijiet in kwistjoni;

Ikkunsidrat:

13. Illi jigi sottolineat li l-procedura in kwistjoni giet indirizzata kontra z-zewg intimati fuq indikati u konsegwentement, issa jinhtieg li jigu ezaminati l-posizzjonijiet rispettivi tal-istess;

Ikkunsidrat:

**A. Ir-Responsabbilita` tal-intimat Cilia:**

14. Illi ghal dan ir-rigward issir referenza ghall-artiklu 1031 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li sintetikament jipprovdi li jwiegeb ghall-hsara kull wiehed li l-hsara tigri bil-htija tieghu;

15. Illi l-artiklu 1032 tal-istess Kap indikat fil-paragrafu precedenti jissottolinea li f'dawn il-kazijiet jitqies bi htija kull min bl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, d-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja;

16. Illi di piu` skont l-artiklu 1033 tal-imsemmi Kap kull min b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza, jew b'nuqqas ta' hsieb jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-ligi, ikun obbligat li jhallas ghall-hsara li tigri minhabba f'hekk;

17. Illi apparti s-suespost, tapplika wkoll il-legislazzjoni sussidjarja rigwardanti d-disposizzjonijiet generali dwar is-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol, L.S. Numru 424.18;

18.0. Illi l-artiklu 15 tal-istess legislazzjoni sussidjarja indikata fil-paragrafu precedenti jistabbilixxi sintetikament is-segwenti:

18.1. Illi hu d-dmir ta' kull haddiem li jiehu hsieb tas-sahha u s-sigurta` tieghu stess u t'ohrajn li jistghu jkunu affettwati bl-att jew l-ommissjoni tieghu;

18.2. Illi dan l-obbligu hu wkoll sottolineat fl-artiklu 7 tal-Kap 424 tal-ligijiet fuq riferiti;

18.3. Illi min ihaddem ghandu jaghti tahrig u struzzjonijiet fir-rigward;

18.4. Illi l-haddiem ghandu jaghmel uzu korrett tal-makkinarju, apparat, ghodda u mezzi ohrajn;

18.5. Illi l-istess haddiem ghandu jaghmel uzu korrett tat-taghmir protettiv personali lilu moghti, u wara li juzah, jirritornah f'postu;

19. Illi di piu`, skont l-istess *"Standard Operating Procedure"* tas-socjeta` intimata, jirrizulta s-segwenti, (ara foll 120):

"3.2. It is the responsibility of each employee to ensure that he uses all PPE, "(senjatament Personal Protective Equipment"), he has been supplied with in a responsible and appropriate manner as detailed in the instructions received with the equipment, relevant Standard Operating Procedures and/or Operating Manuals";

Ikkunsidrat:

20. Illi jirrizulta assodat li l-ingwanta in dizamina infaqghet meta r-rikorrenti kien tbaxxa, (ara foll 40);

21. Illi l-istess hu ikkonfermat mill-intimat li jghid li peress li kien qed idawwar l-ingwanta f'idejh kienet iffurmata buzzieqa li eventwalment faqqghet, (ara foll 193 u 229);

Ikkunsidrat:

22. Illi ghandu jkun pacifiku li l-uzu tal-ingwanta li l-intimat kien qieghed jaghmel f'dak il-mument meta din faqqghet ma jistax jinghad li kien konsonu mal-uzu responsabbli tal-apparat prospettiv moghti lilhu mis-socjeta` intimata skont ir-regolamenti fuq riferiti;

23. Illi di piu`, kif jirrizulta mir-rapport rilaxxat mill-*"Occupational Health Specialist, Family Health Specialist"* lill-ufficjal responsabbli mis-Sahha u Sigurta` tas-socjeta` intimata, datat is-16 ta' Novembru, 2010, (ara foll 63), ir-rikorrenti kien ilmenta li l-intimat kien faqqa' l-ingwanta tal-gomma in kwisjoni hdejn widintu x-xellugija bhal skerz – *"practical joke"*;

Ikkunsidrat:

24.0. Illi skont xhud indipendenti li kien prezenti fil-post fejn sehh l-incident jirrizulta sintetikament is-segwenti, (ara foll 91):

24.1. Illi sema' xi haga tfaqqa;

24.2. Illi hares mill-ewwel biex jara minn fejn kienet gejja t-tfaqqigha;

24.3. Illi ra lir-rikorrenti jitbaxxa, jzomm widnejh u jghajjat "ajma, ajma";

25. Illi bejn dan ix-xhud u r-rikorrenti kien hemm madwar hmistax-(15) il metru, (ara foll 91);

26. Illi hdejn ir-rikorrenti kien hemm l-intimat Cilia, (ara foll 91);

27.0. Illi l-istess xhud isosstni wkoll is-segwenti:

27.1. Illi l-hoss tat-tifqigha kien wiehed qawwi, (ara foll 91);

27.2. Illi mill-ewwel induna li l-hoss li sema' kien ikkagunat minn ingwanta li kienet infaqghet, (ara foll 91);

28. Illi *di piu`*, l-istess xhud jghid ukoll li meta hares fid-direzzjoni tal-hoss ra lill-intimat Cilia jidhaq, (ara foll 91);

29. Illi pero` mix-xhieda ta' Direttur tas-socjeta` intimata, (ara foll 105), jirrizulta li ghalkemm id-dirigenza tal-istess socjeta` issusspettat li kien hemm dak li hi indikat bhala "horseplay" pero` mill-istqarrijiet mehuda mill-istess persuni ikkoncernati, dan ma irrizultax, (ara foll 105);

Ikkunsidrat:

30.0. Illi tenut kont tas-suespost jirrizulta sintetikament is-segwenti:

30.1. Illi effettivament ma jirrizultax pozittivament assodat oggettivament li s-sinistru in dizamina kien rizultat ta' skerz tal-intimat Cilia li mar zmerc;

30.2. Illi pero` jirrizulta li l-agir tal-intimat fir-rigward tal-ingwanta tal-gomma *latex* in dizamina;

30.2.1. La kien ragonevoli;

30.2.2. La kien dak mistenni minn *bonus pater familias*;

30.2.3. Lanqas kien skont l-uzu li ghalih kienet intiza l-ingwanta *de quo*;

31. Illi in effetti, l-ingwanta in kwistjoni infaqghet minhabba it-tigbid u t-tidwir li l-intimat Cilia ezercita fuqha, liema tigbid u tidwir ma jirrizultax konsonu mal-uzu ufficjali li ghalih kienet intiza l-istess ingwanta mis-socjeta` li ssuplitha lill-haddiema taghha;

Ikkunsidrat:

32. Illi jirrizulta debitament assodat ukoll li l-hsara li jilmenta minnha r-rikorrenti kienet direttament ikkawzata mill-istess ghemil tal-intimat *stante* li meta faqqa l-ingwanta *de quo* ma uzax il-prudenza, d-diligenza, u l-hsieb tal-*bonus pater familias*;

33. Illi *in oltre*, fl-istess waqt, l-imsemmi intimat mar ukoll kontra l-obbligu impost fuqu mill-Legislazzjoni Sussidjarja 424.18 fuq riferita,

(ara paragrafi numru sbatax, (17.), u tmintax, (18.), aktar qabel), billi bl-istess ghemil jirrizulta wkoll li naqas milli jiehu hsieb is-sahha u s-sigurta` ta' kollega tieghu – f'dan il-kaz, tar-rikorrenti, u dan anke, *nonostante* li kien inghata tahrig appozitu mis-socjeta` intimata li kienet timpjegah, (ara foll 104);

34. Illi ghalhekk, meta l-intimat, *"ex admissis"*, beda jilghab bl-ingwanta b'mod li ifformat buzzieqa li eventwalment infaqghet, (ara foll 193), dan effettivament ghamel uzu hazin u inproprju tal-oggett fdat lilhu mis-socjeta` intimata stante li l-uzu tal-istess kien biss intiz biex jissalvagwardja l-inkolumita` ta' min ikun qieghed juzha;

35. Illi l-istess uzu tal-ingwanta daparti tal-intimat li wassal ghall-feriment tar-rikorrenti imur ukoll kontra l-i*Standard Operating Procedure* tal-*Personal Protective Equipment*, (ara foll 120 u paragrafu numru dzatax, (19.), aktar qabel);

Ikkunsidrat:

36. Illi fid-dawl tas-suespost jirrizulta pacifiku li din il-qorti hi sodisfatta li l-intimat Neil Cilia hu responsabbli ghall-akkadut;

Ikkunsidrat:

37. Illi jirrizulta li min-nota ta' sottomissjoni tieghu l-intimat jittenta jattribwixxi d-debilita` rizultanti tar-rikorrenti ghad-delizzju li dan ghandu li jmur joghdos, u li jiffrekwenta postijiet fejn ikun hemm hafna storbju, bhal diskoteki, (ara foll 234 u 246);

38. Illi konsegwentement l-istess intimat allura qieghed jipprova jisposta l-kagun tad-dizabilita` sofferta mir-rikorrenti minn fuqu meta faqqa' l-ingwanta *de quo*, ghal fuq ir-rikorrenti meta jattribwixxi raguni ghall-akkadut li hu l-boghod minnu hafna – l-ghaddis u d-diskoteki;

39. Illi mir-relazzjoni tal-espert mediku fuq riferit, (ara foll 36 *et sequitur* u paragrafu numru hdax (11.), aktar qabel), jirrizulta li t-telf ta' smigh li minnu sofra r-rikorrenti u t-*tinnitus* rizultanzi jirrizultaw li tfaccaw wara li sehh l-incident hawn in dizamina ikkagunat mill-intimat;

40. Illi in effetti, qabel l-imsemmi incident tat-tfaqqiegh tal-ingwanta tal-*latex* mill-intimat hdejn il-widna x-xellugija tar-rikorrenti, l-istess rikorrenti qatt ma sofra minn *tinnitus* f'widnejh, (ara foll 36);

41. Illi minn paragun li l-istess espert mediku ghamel bejn *audiogram test* tar-rikorrenti datat it-30 ta' Lulju, 2009, mehud meta l-istess rikorrenti beda l-impjieg tieghu mas-socjeta` intimata, u dak mehud fis-7 ta' Novembru, 2014, ghalhekk wara l-incident *de quo*, l-istess espert mediku jirrelata s-segwenti, (ara foll 37):

"...jekk wiehed jikkompara", (*recte* jipparaguna), "l-awdjogrammi ta' qabel ma ta' wara l-impjieg, il-widna tax-xellug uriet deterjorament car u sinifikanti fil- frekwenzi 3 sa 4 kHz, dannu li huwa tipiku ta' trawma akustiku", (ara paragrafu numru hdax punt sitta (11.6.) aktar qabel);

42. Illi *di piu`*, l-istess espert mediku jissottolinea is-segwenti:

"Dan il-fatt jissuggerixxi l-ezistenza ta' progress tad-dannu tul is-snin", (ara foll 37);

43. Illi *nonostante* l-insinwazzjoni tal-intimat li d-dannu soffert mir-rikorrenti seta' origina mill-ghaddis jew mid-diskoteki, l-espert mediku ikkostata s-segwenti:

"Meta t-tinnitus jibda mmedjatament wara li s-suggett ikun gie espost ghal hoss ta' natura qawwija u durata qasira, wiehed jista` ragonevolment jikkonkludi li t-*tinnitus* kien fil-fatt konsegwenza diretta tal-hoss", (ara foll 37);

44. Illi jissottolinea wkoll li r-rikorrenti kien konsistenti fl-istorja tieghu tul is-snin, (ara foll 37);

45. Illi dwar is-sintomi riportati mir-rikorrenti l-istess espert mediku jissottolinea li dawn:

"kienu sintomi tipici ta' dannu akustiku. L-awdjogrammi esegwiti minn diversi specjalisti konsistentement urew dannu li ma kienx prezenti qabel l-impjieg. Jirrizulta difficli li jkun hemm dubju li t-*tinnitus* li qieghed jilmenta minnu s-sur Montebello huwiex rizultat dirett tal-incident:

46.0. Illi fir-rigward tal-istess espert mediku in dizamina jirrizulta li:

46.1. La saru domandi in eskussjoni; u

46.2. Lanqas intalbet li jinhatru periti perizjuri;

47. Illi ssir riferenza ghas-sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Mark u Lorraine konjugi Farrugia vs. Michael Arthur Williams et***, datata t-***28 ta' Jannar, 2005***, li tghid li:

"... ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra u l-qorti mhix tenuta li taccetta l-konkluzzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha, il-*giudizio dell'arte* kif espress mill-perit tekniku m'ghandux jigi skartat sakemm ma jkunx idher sodisfacentement illi l-konkluzzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollu tac-cirkostanzi, irragjonevoli. Il-qorti m'ghandhiex tiskarta l-konkluzzjonijiet tal-espert, specjalment fuq materja purament teknika, b'mod legger jew kapriccuz. Il-konvinzjoni kuntrarju taghha tkun

"informata u bbazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika";

48. Illi di piu`, issir ukoll referenza ghas-sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Paul Grech et vs. Lawrence u Joan konjugi Grech***, datata l-***25 ta' Settembru, 2003***, li spjegat is-segwenti:

"... bil-ligi u b'harsien tal-massima *dictum expertorum numquam transit in rem judicatam*, il-qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzzjonijiet tar-rapport tal-perit mahtur minnha kontra l-konvinciment taghha nfisha. Fehmiet bhal dawk m'ghandhomx, l-aktar fejn parti ma tkunx irrikorriet ghall-hatra ta' periti addizzjonali, tigi mwarrba kif gieb u lahaq, sakemm ma jkunx jidher sodifacentement li tali fehmiet huma, fil-kumpless kollu tac-cirkostanzi, irragonevoli";

Ikkunsidrat:

49. Illi ghalhekk, mhux biss kif gia` ddikjarat, qed tistrieh fuq il-kostatazzjonijiet u l-konkluzjonijiet tal-istess espert tekniku nominat (ara paragrafu numru tnax, (12.), aktar qabel), izda qed tirrespingi l-insinwazzjoni tal-intimat li hu ma kienx risponsabbli ghad-dannu kkagunat lir-rikorrenti ghaliex dan kien rizultat tad-delizju tieghu li joghdos u li jmur f'diskoteki – affermazzjonijiet li wara l-analisi tal-espert mediku de quo, ma jreggux;

Ikkunsidrat:

**B. Ir-Responsabbilita` tas-socjeta` Intimata:**

50. Illi r-rikorrenti jitlob ukoll li s-socjeta` intimata tkun dikjarata responsabbli tad-danni minnhu sofferti flimkien mal-intimat l-iehor fuq indikat, u dan, a bazi tal-principju tal-*culpa in vigilando*;

51. Illi r-rikorrenti jsosstni li din is-socjeta` naqset li tissorvelja lill-intimat Cilia fit-termini tal-klawsola numru 3.8. tal-i*Standard Operating Procedure* li tghid, (ara foll 120):

"It is the responsibility of the Departimental Manager, or his delegate, to ensure that all PPE, (Personal Protective Equipment), provided to his employees is used properly as and when required by appropriate documentation";

52. Illi di piu`, r-rikorrenti isosstni wkoll li s-socjeta` intimata kellha responsabbilita` kontrattwali fil-konfront tieghu u dan, ghaliex naqset li tipprovdi sistema sigura ta' xoghol lir-rikorrenti bhala impjegat taghha;

53. Illi jigi osservat li fit-3 ta' Mejju, 2001, dahal fis-sehh l-att XXVII tal-2000, l-Att dwar l-Awtorita` dwar is-Sahha u Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol, illum Kap 424 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat:

54. Illi hu pacifiku li rizultat tal-Kap 424 fuq indikat, min ihaddem ghandu impost fuqu grad gholi ta' responsabbilita` fir-rigward tal-impjegati tieghu;

55. Illi fost affarijiet ohra, min ihaddem irid jizgura li jipprovdi lill-impjegati tieghu b'ambjent li jzommhom 'l boghod minn kull periklu;

56. Illi ghal dan il-ghan, min ihaddem ghandu l-obbligu li:

"... dejjem jizgura is-sahha u s-sigurta` tal-persuni kollha li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qieghed isir...", (ara artiklu 6(1) tal-Kap 424);

57. Illi *di piu`*, min ihaddem ghandu wkoll l-obbligu li:

"...jipprovdi dik l-informazzjoni, dak it-taghlim, dak it- tahrig u dik is-supervizjoni li huma mehtiega biex tigi zgurata s-sahha u s-sigurta` fuq il-postijiet tax-xoghol", (ara artiklu 6(3) tal-Kap 424);

Ikkunsidrat:

58. Illi *nonostante* s-suespost, dan xorta ma jfissirx li fir-rigward tezisti responsabilita` oggettiva fuq min ihaddem ghal kull incident li jigri fuq il-post tax-xoghol;

59. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet Tessie mart ***Anthony Cardona et vs. C.V. Builders Limited et*** datata t-***12 ta' Dicembru, 2012***, li tghid:

"Illi dan kollu juri r-responsabbilita` tal-imghallem mhiex wahda li tabilfors tintrabat mieghu automatikament ghal kull incident li jgarrab xi impjegat tieghu waqt hin ix-xoghol (dik li tissejjah *"strict liability"*);

Ikkunsidrat:

60. Illi min ezami tar-risultanzi kif prodotti *in atti* din il-qorti hi sodisfatta li ma jirrizulta l-ebda nuqqas daparti tas-socjeta` intimata fir-rigward tal-obbligi taghha li tipprovdi ambjent san u sigur ghall-impjegati taghha ai termini tal-Kap 424 fuq riferit;

61. Illi skont ix-xhieda tad-Direttur tas-socjeta` intimata jirrizulta li din is-socjeta` tiehu hsieb sew is-sahha u s-sigurta` tal-impjegati

taghha u tipprovdi *a safe system of work* lill-istess impjegati, (ara foll 104);

62. Illi *di piu`*, jirrizulta li fil-mument tal-incident, senjatament it-2 ta' Settembru, 2010, l-i*Standard Operating Procedure* tas-socjeta` intimata kien gia` operattiv *stante* li kien sar effettiv mit-8 t'Ottubru, 2008, (ara foll 125);

63. Illi l-istess socjeta` intimata ipprezentat ukoll elenku dettaljat tat-tahrig ipprovdut minnha lill-intimat Cilia sa ftit jiem wara l-incident in dizamina fejn hu identifikat it-tahrig lilhu moghti dwar il-*gowning procedure* u l-igene, (ara foll 103 u 128 sa 131);

64. Illi ghalhekk, jirrizulta assodat li anke f'dan l-aspett is-socjeta` intimata issodisfat l-obbligi taghha rigwardanti t-tahrig tal-intimat Cilia hawn involut ghal dak fuqha impost mill-Kap 424 *de quo*;

65. Illi biex tigi sottolineata bil-kjarezza rikjesta fir-rigward jinghad li minn ezami tar-rizultanzi esposti ma tirrizulta l-ebda konnessjoni bejn l-incident in kwistjoni u l-fatt li s-socjeta` intimata biddlet l-ingwanti li kienet tipprovdi lill-impjegati taghha;

66.0. Illi fir-rigward l-*Executive Director Quality Operations* tas-socjeta` intimata jghid sintetikament is-segwenti, (ara foll 214):

66.1. Illi ghall-ahhar tal-2011 is-socjeta` intimata impenjat ruhha biex tarmonizza t-tip ta' ingwanti uzati;

66.2. Illi din ir-razjonalizzazzjoni saret biex tigi eliminata l-varjeta` ta' ingwanti uzati;

66.3. Illi ghalhekk twaqqaf bord biex isib l-ahjar ingwanti bl-ahjar prezz;

66.4. Illi dan il-bord stieden diversi fornituri biex jibghatu kampjuni;

66.5. Illi dawn gew studjati bir-reqqa ghal dak li hu kumdita`, rezistenza ghat-tqattieh u titqib, u ghall-protezzjoni tal-persuna li tilbishom;

66.6. Illi minn Jannar, 2012, is-socjeta` intimata bdiet tixtri ingwanti tat-tip *nitrile blu* minghand l-istess kumpanija;

67. Illi minkejja s-suespost, bl-ebda mod ma jista' jinghad li l-ingwanta li ikkawzat id-debilita` hawn riskontrata fuq ir-rikorrenti kienet b'xi mod tista' titqies li kienet difettuza;

Ikkunsidrat:

68. Illi in vista tas-suespost jirrizulta li s-socjeta` intimata kienet topera *"a safe system of work"* konformi mal-obbligi statutorji fuq riferiti;

69. Illi ghalhekk is-socjeta` intimata m'ghandha iggorr l-ebda responsabbilita` ghall-akkadut *stante* li jirrizulta assodat li l-incident in dizamina hu unikament rizultat tal-imgieba tal-intimat Cilia li wahdu ghandu jwiegeb ghad-dannu li minnu jilmenta r-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

70.0. Illi fir-rigward tal-**Likwidazzjoni tad-Danni** jinghad sintetikament is-segwenti:

70.1. Illi skont l-espert mediku debitament nominat jirrizulta li kagun tal-incident in dizamina r-rikorrenti sofra dizabilita` permanenti ta' 4%, (ara foll 38);

70.2. Illi r-rikorrenti ghandu l-karta tal-identita` bin-numru 51883M, (ara foll 36, 48, 54 u 80 *et sequitur*);

70.3. Illi ghalhekk fiz-zmien tal-incident ir-rikorrenti kellu l-eta` ta' 27 sena;

70.4. Illi skont l-insenjament tal-***Qorti tal-Appell*** fis-sentenza fl-ismijiet ***James Spiteri vs. Joseph Magro et*** datata l-***5 ta' Dicembru, 2014***, qieghed hawn jigi adottat ***multiplier*** ta' ***30***;

70.5. Illi skont il-*Final Settlement System* tar-rikorrenti, (ara foll 80 *et sequitur*), jirrizulta li r-rikorrenti kellu introjtu ta' €27,560.00 anwi, li minhabba l-gholi tal-hajja ser jigi ikkalkolat fl-ammont ta' €30,000.00 anwi;

Ikkunsidrat:

71.0. Illi rigward il-*Lump Sum Payment Deduction* jinghad sintetikament is-segwenti:

71.1. Illi ssir referenza ghall-insenjament tal-***Qorti tal-Appell*** fis-sentenza fl-ismijiet ***Annunziata sive Nancy Caruana vs. Odette Camilleri***, deciza fis-***27 ta' Frar, 2004***, li tghid:

"Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba *lump sum payment* id-dekors taz-zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi intavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhhu l-incident ukoll relattiv";

71.2. Illi l-***Prim'Awla tal-Qorti Civili***, fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Agius vs. All Services Ltd.***, datata t-***2 ta' Gunju, 2005***, irriteniet li:

"F'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa ("*lump sum payment*") lill-beneficcjarji. Jekk id-decizjoni, pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-qrati, li jekk kawza ddum aktar minn sentejn, il-persentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza";

Ikkunsidrat:

72. Illi hu assodat li l-incident in dizamina sehh fit-2 ta' Settembru, 2010, (ara foll 1);

73. Illi l-procedura odjerna kienet intavolata fit-22 ta' Mejju, 2014, (ara foll 1);

74. Illi l-istess qed tigi deciza fl-2017 – senjatament entro tliet (3) snin mid-data tal-incident;

75. Illi in vista tas-suespost allura ghandu jkun hemm tnaqqis ta' 18%;

Ikkunsidrat:

76. Illi konsegwentement il-Lucrum Cessans qed jigi konkretizzat bil-mod segwenti:

**4% x 30 x €30,000.00 = €36,000.00 – 18% = €29,520.00**

Ikkunsidrat:

77.0. Illi fir-rigward tad-*Damnum Emergens* jinghad sintetikament is-segwenti:

77.1. Illi skont id-dokumenti riprodotti a foll 86 sa 88 jirrizulta li r-rikorrenti nefaq l-ammont ta' €365.00 f'medicina Betaserc tat-*tinnitus*;

Ikkunsidrat:

78.0. Illi konsegwentement l-ammont globali ta' danni sofferti mir-rikorrenti hu kompost bil-mod segwenti:

| | | |
|---|---|---|
| 78.1. | *Lucrum Cessans:* | €29,520.00 |
| 78.2. | *Damnum Emergens:* | € 365.00 |
| 78.3. | **Total:** | **€29,885.00** |

Ikkunsidrat:

> 79.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ipprova t-talbiet tieghu fil-konfront biss tal-intimat Neil Cilia izda mhux fil-konfront tas-socjeta` intimata Actavis Limited."

6. Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut Neil Cilia, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tilqa' l-appell tiegħu billi tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-20 ta' Ġunju, 2017, fil-kawża fl-ismijiet premessi, u minflok wara li tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu, tiċħad it-talbiet attriċi fil-konfront tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat.

7. Rat ir-risposta tal-appell tas-soċjeta` konvenuta Actavis Limited, li permezz tagħha wieġbet li din il-Qorti għandha tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward tas-soċjeta` appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.

8. Rat ir-risposta tal-appell tal-attur Conrad Montebello, li permezz tagħha wieġeb li s-sentenza tal-ewwel Qorti hija ġusta u timmerita li tiġi kkonfermata.

9. Rat li d-difensuri tal-partijiet informaw lill-Qorti waqt is-seduta tal-24 ta' Mejju, 2022, li m'għandhomx x'iżidu mal-atti tal-appell u li l-appell jista' jibqa' għas-sentenza.

10. Rat l-atti kollha tal-kawża nkluż id-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

11. Illi dan il-każ jitratta inċident li seħħ fit-2 ta' Settembru, 2010, fuq il-post tax-xogħol ġestit mis-soċjeta` konvenuta appellata, Actavis Limited fejn l-attur spiċċa b'diżabilita` permanenti wara li l-konvenut l-ieħor, l-appellant Neil Cilia, faqqa' ingwanta tal-*latex* viċin widen l-attur waqt il-ħin tax-xogħol. Konsegwenza ta' dan, l-attur appellat ġarrab danni nkluż dawk riżultanti minn diżabilita` permanenti minħabba kundizzjoni f'widintu kkaġunata b'dan l-istess episodju. Għalhekk ġew imressqa l-proċeduri odjerni kemm fil-konfront tal-kumpannija Actavis Limted, kif ukoll fil-konfront ta' Neil Cilia sabiex tiġi stabbilita r-responsabbilta` għall-inċident, kif ukoll li konsegwenza tal-imsemmi inċident, l-attur sofra danni riżultanti minn diżabilita` permanenti, u sabiex jiġu likwidati d-danni kollha mġarrba mill-attur u konsegwentement ikun hemm ukoll kundanna għall-ħlas tad-danni mġarrba minnu. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

12. L-ewwel Qorti filwaqt li laqgħet l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta` konvenuta Actavis Limited li ġiet illiberata mill-osservanza tal-ġudizzju, laqgħet it-talbiet attriċi fil-konfront tal-konvenut l-ieħor Neil Cilia u llikwidat id-danni mġarrba mill-attur fis-somma ta' €29,885.94 u kkundannat lill-

istess konvenut Cilia jħallas l-imsemmija danni, kif ukoll l-ispejjeż tal-kawża, bl-imgħaxijiet jiddekorru mill-20 ta' Lulju, 2012.

13. Il-konvenut Neil Cilia ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti, kemm fir-rigward ta' dik il-parti tas-sentenza fejn sabet li huwa kien responsabbli għall-inċident in kwistjoni, kif ukoll fir-rigward tal-metodu tal-likwidazzjoni tad-danni u għalhekk interpona appell minnha f'dan is-sens. L-appell tal-attur jissejjes fuq tliet aggravji prinċipali: (a) l-ewwel aggravju huwa dak li l-ewwel Qorti ma kellhiex, abbażi tal-provi in atti, titfa' l-ħtija ċivili fuq il-konvenut appellant; (b) it-tieni aggravju jitratta l-likwidazzjoni tad-danni mġarrba mill-attur li jingħad li saret ħażin u abbażi ta' kriterji eċċessivi senjatament (i) dawk dwar il-komputazzjoni tal-*lucrum cessans* fejn jikkontendi li l-ewwel Qorti żbaljat meta adottat id-dħul gross tal-attur minflok dak nett; (ii) it-tieni punt taħt dan l-aggravju jitratta l-*multiplier* adottat mill-ewwel Qorti li kellu jikkonsidra *chances and changes of life*; (iii) dwar it-tnaqqis li sar taħt il-kap ta' *lump sum payment*; kif ukoll (iv) *;* il-perċentwal ta' diżabilita` adottata mill-ewwel Qorti; filwaqt li (ċ) it-tielet aggravju jitratta l-fatt li l-ewwel Qorti għamlet ħażin li kkundannat lill-appellant iħallas imgħaxijiet b'effett mill-20 ta' Lulju, 2012, mentri kien imessha tapplika l-prinċipju ta' *in liquidandis non fit mora.*

14. Fir-risposta tal-appell tagħha s-soċjeta` appellata Actavis Limited tisħaq li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita li tiġi kkonfermata

peress li ma hemm l-ebda ness bejn l-aġir tas-soċjeta` appellata u l-inċident mertu tal-kawża, wara kollox l-istess appellant ma jaddebita l-ebda ħtija fil-konfront tagħha fir-rikors tal-appell tiegħu. Kwindi tisħaq li din il-Qorti għandha tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-istess appellant.

15. Fir-risposta tal-appell tiegħu, l-attur iqajjem in-nullita` tar-rikors tal-appell peress li l-akkoljiment tat-talba tal-appellant kif imressqa twassal għal sitwazzjoni anomala, in kwantu it-talba ta' tħassir, revoka u kanċellament tas-sentenza appellata, meta l-konvenuti fil-kawża huma tnejn ifisser li fl-eventwalita` li tintlaqa' t-talba tal-konvenut appellant Cilia, l-ġudizzju li ngħata fil-konfront tas-soċjeta` konvenuta ma jkunx ingħata peress li s-sentenza li ngħatat mill-ewwel Qorti tkun ġiet ikkanċellata. Isostni li l-fatt li t-talba tal-appellant tista' twassal għal sitwazzjoni anomala, jfisser li din il-Qorti ma tistax tilqa' t-talbiet kif dedotti. Mentri in kwantu għall-aggravji nnifishom, l-attur appellat jgħid il-għala fil-fehma tiegħu l-aggravji tal-konvenut appellant Cilia ma jimmeritawx li jintlaqgħu.

**Nullita` tal-appell**

16. Jibda billi jiġi trattat il-punt imqanqal mill-attur appellat, dak dwar in-nullita` tar-rikors tal-appell. Għalkemm huwa minnu li l-konvenut appellant jistrada t-talbiet tiegħu fir-rikors tal-appell għat-tħassir, revoka u

kanċellament tas-sentenza appellata, mingħajr ma jidħol fil-mertu ta' fejn is-sentenza appellata ċaħdet it-talbiet attriċi fil-konfront tas-soċjeta` konvenuta Actavis Limited u laqgħet l-eċċezzjonijiet ta' din l-istess soċjeta` konvenuta, din il-Qorti ma jidhrilhiex li tali nuqqas huwa wieħed li jirrendi l-appell null. Jiġi osservat li l-liġi tipprovdi b'mod ċar x'għandu jkun fih rikors għat-tħassir tas-sentenza (Artikolu 143(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta). Jitqies li mit-talbiet fir-rikors tal-appell in eżami ngħata tagħrif tajjeb biżżejjed biex kemm din il-Qorti u kif ukoll il-parti appellata jkunu jistgħu jqisu l-aggravji tal-appellant u l-attur appellat ma ġarrab l-ebda preġudizzju b'dan in-nuqqas.

17. Wara kollox, id-difensur tal-attur appellat b'ebda mod ma nsista, waqt is-smigħ tal-24 ta' Mejju, 2022, dwar dan il-punt jew "eċċezzjoni". F'kull każ, l-Artikolu 143(4) tal-Kap.12 jipprovdi:

> *"Fil-kazijiet imsemmija f'dan l-artikolu talba ghal thassir ghandha titqies li tinkludi talba ghal annullament u tibdil tas-sentenza jew tad-digriet, u talba ghal annullament ghandha titqies li tinkludi talba ghal thassir u tibdil tas-sentenza jew tad-digriet.".*

Minn qari tar-rikors tal-appell huwa ċar li permezz tar-rikors tal-appell tiegħu, il-konvenut appellant qiegħed jitlob li din il-Qorti tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu li ċaħdet l-ewwel Qorti, b'żieda mal-eċċezzjonijiet milqugħa fil-konfront tas-soċjeta` Actavis Limited, peress li fl-ebda stadju tal-appell ma jattakka l-kap tas-sentenza li bih Actavis Limited ġiet illiberata mill-osservanza tal-ġudizzju. Minbarra dan, l-istess

provvediment tal-liġi (Artikolu 143(5) tal-Kap. 12) jgħid ċar li xi nuqqas fil-ħarsien ta' xi wieħed mir-rekwiżiti mitluba fid-dispożizzjonijiet ta' qabel ma jġibux in-nullita` tar-rikors li jkun. Fuq kollox, l-attur appellat ma fissirx taħt liema waħda mid-dispożizzjonijiet tal-liġi li jitkellmu fuq in-nullita` ta' atti ġudizzjarji (Artikolu 789(1) tal-Kap. 12) ressaq din il-eċċezzjoni tiegħu, jew xi preġudizzju li ma jistax jissewwa mod ieħor, ġarrab b'dan il-fatt. L-ewwel preġudizzjali hija għalhekk imwarrba u din il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkunsidra l-aggravji tal-konvenut appellant.

**Responsabbilta` għall-Inċident**

18. Fl-ewwel aggravju tiegħu, il-konvenut appellant Cilia jilmenta li l-ewwel Qorti ma kellhiex, abbażi tal-provi in atti, titfa' l-ħtija ċivili fuqu. Filwaqt li l-appellant jagħmel referenza għat-tagħlim ġurisprudenzjali dwar il-materja ta' kolpa u jaqbel mal-ewwel Qorti sa fejn ingħad minnha li ma kienx hemm provi biżżejjed li huwa faqqa' l-ingwanta ħdejn widint l-attur dolożament, ma jaqbilx mal-ewwel Qorti sa fejn ikkonkludiet li l-użu li kien qiegħed isir minnu tal-ingwanta la kien wieħed raġonevoli, la kien wieħed mistenni minn missier tajjeb tal-familja u lanqas ma kien skont l-użu li għalih kienet intiża l-istess ingwanta. Jislet silta mill-ġurisprudenza sabiex isostni li ladarba li l-ġrajja dannuża li jingħad li ġarrab l-attur ma kienx prevedibbli, ma jistax jingħad li tissussisti kolpa fil-konvenut appellant peress li r-responabbilta` tad-danneġġjant hi ċirkoskritta għall-

konsegwenzi probabbli tal-kondotta tiegħu u mhux biex iwieġeb ukoll għal kull konsegwenza ndiretta jew remota li titnissel mill-operat tiegħu. Wara kollox jekk l-effett dannuż kellu jkun prevedibbli għall-konvenut, kellu jkun prevedibbli wkoll għall-attur, li b'hekk naqas meta m'għamilx użu mill-ilbies protettiv għall-widnejn li l-kumpannija konvenuta kienet tipprovdi lill-ħaddiema tagħha. In-nuqqas tal-attur li jagħmel dan iwassal għall-kontibutorjeta` tiegħu nnifsu għad-dannu kaġunat.

19. Jibda billi jiġi osservat li, sa fejn l-aggravju tal-konvenut appellant jissejjes fuq in-nuqqas ta' prevedibbilta`, li l-aġir tiegħu kien ser iwassal għall-*event* dannuż, kif ukoll dwar il-kontributorjeta` da parti tal-attur, dawn huma materji ġodda li ma ngħatawx bħala eċċezzjonijiet formali quddiem l-ewwel Qorti u konsegwentement lanqas ġew dibattuti jew mistħarrġa mill-ewwel Qorti. Kif ingħad drabi oħra mhuwiex korrett u lanqas ma għandu jiġi permess li, fi stadju tal-appell, il-kontro-parti tiġi rinfaċċata b'linja difensjonali ġdida – anke jekk din il-linja difensjonali setgħet għall-grazzja tal-argument biss, titqajjem f'kull stadju tal-proċeduri - mingħajr ma jiġu osservati r-regoli proċedurali. Il-liġi tal-proċedura qiegħda hemm biex tiġi osservata, u għalhekk mhuwiex imħolli li parti tressaq eċċezzjonijiet ġodda f'dan l-istadju inoltrat tal-kawża. Għalhekk din il-Qorti se tastjeni milli tqis aktar dawn l-argumenti ġodda sollevati mill-konvenut appellant fir-rikors tal-appell tiegħu.

20. Mhuwiex kontestat li l-aġir tal-konvenut appellant ma jistax jingħad li kien wieħed ta' natura doluża. Madankollu bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni jista' jingħad li l-konvenut appellant kien prudenti jew dilġenti fl-aġir tiegħu u wisq inqas li l-aġir tiegħu jaqbel ma' dak ta' *bonus pater familias.* Huwa assodat illi biex Qorti ssib ħtija u responsabbilta` fl-aġir ta' persuna, u sussegwentement li dan jiġi kkundannat jindennizza lid-danneġġjat fl-ambitu tal-kolpa extra-kontrattwali (senjatament fil-kważi-delitti fejn hemm mankanti d-dolo), dak l-aspett li għandu jiġi eżaminat huwa l-kondotta materjali jew aġir tal-allegat danneġġjant. Tali kondotta tista' tkun kemm kommissiva, kif ukoll ommissiva. Hu dan l-aġir li għandu jiġi eżaminat fid-dettal u debitament ivvalutat, sabiex jiġi stabbilit, jekk kienx hemm xi nuqqas fid-dover ta' ħsieb, prudenza u diliġenza ta' *bonus pater familias*, jew eżistenza ta' negliġenza fid-doveri imposti mil-liġi, jew ta' traskuragni, jew imprudenza li tikkostitwixxi att jew fatt illecitu rizarċibbli. Kif ġustament osservat mill-ewwel Qorti, f'materja ta' danni akwiljani, l-Kodiċi Ċivili jipprovdi li "*kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu*" (Artikolu 1031) u l-ħtija tissussisti f'min "*ma jużax il-prudenza, diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja"* (Artikolu 1032(1)). Huwa magħruf ukoll li, biex ikun hemm lok għad-danni, hu dejjem meħtieġ li, apparti l-prova tad-dannu kkawżat, irid ikun hemm il-ħtija u li d-dannu u l-ħtija jkunu marbuta b'dak li jissejjaħ ness ta' kawżalita`, bejn il-fatt kolpuż u l-konsegwenza dannuża, li jfisser li kien l-aġir kolpuż tal-konvenut li wassal għad-dannu mġarrab mill-attur.

21. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, huwa meqjus li meta mpjegat bħall-konvenut appellant jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li l-ħila tiegħu u s-sengħa fix-xogħol imisshom inebbħuh li jevita, jew meta l-istess impjegat jonqos li jinqeda bis-sens komun u jqiegħed lilu nnifsu jew lil ħaddieħor fil-perikolu jew jikkawża l-ħsara, għandu jwieġeb għall-ħsara li hu jkun ikkawża. Il-fatt li l-konvenut appellant kien qiegħed *ex admissis* iġebbed u jdawwar l-ingwanta, li kif osservat mill-ewwel Qorti ma kienx użu li għalih kienet intiża l-istess ingwanta u la kien aġir raġonevoli u wisq inqas dak ta' missier tajjeb tal-familja, jfisser li l-konvenut appellant għandu jwieġeb għall-aġir tiegħu. Wara kollox kif jingħad mir-rappreżentant tas-soċjeta` konvenuta appellata, skont l-iStandard Operating Procedures (ara fol. 120), kull ħaddiem kien mistenni li:

> *"It is the responsibility of each employee to ensure that he uses all PPE he has been supplied with in a reasonable and appropriate manner as detailed in the Instructions received with the equipment, relevant Standard Operating Procedures and/or Operating Manuals."*

Dan huwa obbligu pożittiv li l-konvenut appellant naqas milli jwettaq u l-konsegwenza għandha tkun li huwa għandu jwieġeb għall-aġir tiegħu li la jista' jingħad li kien prudenti u lanqas raġonevoli. Isegwi li dan l-ewwel aggravju tal-konvenut appellant ma jreġix u ser jiġi miċħud.

Likwidazzjoni tad-danni

(a) <u>Paga li fuqha jiġi kalkulat il-*lucrum cessans*</u>

22. Imiss li jiġi trattat it-tieni aggravju tal-konvenut appellant, dak fejn jilmenta li l-ewwel Qorti għall-fini tal-komputazzjoni tal-*lucrum cessans,* ħadet medja tad-dħul gross tal-attur appellat fuq medda ta' sitt snin. Il-konvenut appellant jagħmel referenza għall-ġurisprudenza in sostenn ta' dan l-aggravju tiegħu.

23. Fuq dan il-punt tal-paga għall-fini tal-komputazzjoni tal-*lucrum cessans,* issir referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti tat-22 ta' Ġunju, 2022, fil-kawża fl-ismijiet **Mario Galea v. Malta Freeport Terminals Limited,** fejn ingħad fir-rigward:

> *"22. In kwantu għad-dħul li fuqu jiġu kalkulati d-danni bħala lucrum cessans, fis-sentenza ta' din il-Qorti msemmija qabel, fl-ismijiet Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et, ingħad fir-rigward li:*
>
> > *"...il-Qorti taghmel id-distinzjoni ta' certezza o meno ... rigward il-mod kif jigi komputat id-damnum emergens u l-lucrum cessans. Fir-rigward tal-komputazzjoni tal-lucrum cessans il-linja tal-hsieb ta' din il-Qorti hija illi din il-komputazzjoni ssir a bazi tal-paga gross mehud in konsiderazzjoni l-probabilita` kbira illi d-dannegjat jircievi zidiet fis-salarju tieghu fis-snin futuri kif ukoll l-incertezza li tigi kalkolata t-taxxa fuq qliegh li mhux daqstant facilment accertabbli bi precizjoni.*
> >
> > *21. Illi f'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Carmela Muscat pen v. Francis Schembri et. (PA, 27/01/1972) fejn il-Qorti osservat li ghandha biss il-kompitu li tillikwida d-danni ghat-telf ta' qliegh futur u mhux*
> >
> > > *"…taghmilha ta' speci ta' tax collector bir-rizultat li tiffavorixxi d-debitur tad-danni u taggrava lid-danneggata, in kwantu l-ewwel wiehed jigi jhallas inqas milli ghandu proprjament jigi likwidat u t-tieni wiehed, ghall-bzonn, ikun irid jerga' jaraha mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, bil-possibilita li jkun gie qiesu hallas it-taxxa darbtejn, darba lid-debitur u darba ohra, fuq is-somma gia minorata, lill-Gvern. Fi kwalunkwe kaz l-income tax ghandha tithallas lill-Gvern u mhux lid-debituri ta' obbligazzjonijiet civili u l-kalkolu taghha jista' jiddependi fuq diversi cirkostanzi, fir-rapport intern bejn il-Gvern u d-danneggat, li l-Qorti ma tkunx taf xejn fuqhom u ghalhekk il-Qorti lanqas ma ghandha biss tesprimi opinjoni, fuq haga li mhix ta' kompetenza taghha."*

*In oltre kif intqal fil-kawza George Borg et v. Anthony Borg et (App 20/10/2008):*

> *"Barra minhekk, il-fatt li l-Ewwel Qorti ma ghamlet ebda tnaqqis minhabba t-taxxa tad-dhul u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta socjali ma ghandu jimpingi bl-ebda mod fuq il-kwantifikazzjoni tal-qliegh futur tad-danneggjat u dana billi huwa principju ormaj generalment accettat li huwa l-gross salary li huwa relevanti biex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni kemm huwa dovut lid-danneggjat jekk dan jipprova l-kaz tieghu."*

*Hekk ukoll, kif ingħad minn din il-Qorti, fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Jannar, 2021, fil-kawża fl-ismijiet Victor Fenech v. Malta Freeport Terminals Limited il-kalkolu tad-danni bħala lucrum cessans għandu jkun imsejjes fuq id-dħul gross u mhux dak nett.*

> *"F'każ bħal dan, din il-Qorti temmen li, fil-kejl tat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni, il-likwidazzjoni għandha ssir fuq il-bażi tad-dħul gross tal-parti mġarrba, meħud b'qies il-fatt probabbli li, 'l quddiem u mal-medda taż-żmien (l-aktar fejn il-vittma tkun ta' età żgħira), ikun hemm żidiet jew titjib fil-paga jew fil-ħila tal-parti mġarrba li ttejjeb id-dħul tagħha. Dan, b'żieda mal-fatt tal-inflazzjoni u l-impatt li tħalli fuq is-saħħa tal-valuta, jagħmel it-tnaqqis fittizju ta' rata ta' taxxa fuq somma li tkun qiegħed titħallas f'daqqa, eżerċizzju ġudizzjarju ażżardat u x'aktarx arbitrarju;."*

Applikat l-istess prinċipju għall-każ in eżami, din il-Qorti ma tqisx ġusifikat l-argument tal-konvenut appellant li l-*lucrum cessans* kellu jiġi kkalkulat fuq id-dħul nett u għalhekk ma ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti f'dan l-aspett tal-likwidazzjoni mwettqa minnha.

*(b)* *Multiplier*

24. L-istess jingħad fir-rigward tal-ilment tal-konvenut appellant dwar il-*multiplier.* Għalkemm l-konvenut appellant jagħmel referenza estensiva għall-ġurisprudenza sabiex isostni li l-*multiplier* għandu jieħu in konsiderazzjoni c-*chances and changes of life,* ma jfissirx kif l-ewwel Qorti żbaljat meta adottat *multiplier* ta' 30 għall-persuna li kellha 27 sena, fil-mument meta seħħ l-inċident.

25. Fir-rigward tal-*multiplier,* issir referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Marzu, 2020, fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Bonanno v. Malta Freeport Terminals** fejn ingħad:

> *"Kif kellha okkazjoni din il-Qorti tikkumenta fir-rigward tal-multiplier f'diversi okkazjonijiet ohra, ghalkemm ghandu jittiehed qies tal-eta` tad-danneggjat fil-mument li sehh l-incident, normalment f'kazijiet bhal dawn m'ghandux isir semplici tnaqqis bejn l-eta` tal-irtirar, u l-eta` tal-persuna fil-mument ta' l-incident, izda l-multiplier irid jinkorpora go fih dak l-element ta' chances and changes of life or vicissitudes of life. Il-kuncett ta' chances and changes of life, gie introdott biex proprju jiggustifika temperament fil-komputazzjoni tad-danni a bazi tal-principju li hadd ma jaf il-futur u, ghalkemm persuna tista' tghix sa eta` avvanzata, il-hajja tghallimna mod iehor. Isegwi li l-working life expectancy m'ghandux ikun ikkonsidrat kollu ghal fissazzjoni ta-lmultiplier. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti, fil-kawza Francis Gauci v. Jimmy Bugeja, deciza fis-27 ta Novembru, 2009.) F'dan is-sens ukoll, fis-sentenza ta' din il-Qorti, fl-ismijiet Anthony Turner et v. Francis Agius et deciza fit-28 ta' Novembru 2003, fejn inghad hekk:*
>
> > *"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income." (The Law of Tort - W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. P.228)*
> >
> > *Inghatat ukoll is-segwenti definizzjoni fir-rigward tal-multiplier: "A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases." (Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122)"*

Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, meta din il-Qorti tqis il-*multiplier* ta' 30 adottat mill-ewwel Qorti, ssib li dan jirrifletti l-bilanċ li

għandu jintlaħaq li jieħu in konsiderazzjoni ċ-*chances and changes of life*, tenut kont li l-attur appellat kellu biss 27 sena fil-mument li seħħ l-inċident.

*(c)* *<u>Lump sum deduction</u>*

26. Fir-rigward tat-tnaqqis adoperat ta' 18% bħala *lump sum payment*, kif osservat mill-ewwel Qorti, skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, jekk il-kawża ddum aktar minn sentejn, il-perċentwal ta' tnaqqis minħabba l-ħlas ta' *lump sum* payment jonqos bir-rata ta' 2% għal kull sena oħra li l-kawża ddum għaddejja. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Lulju, 2020, fil-kawża fl-ismijiet **John Muscat v. Camray Limited et**). Din ir-riduzzjoni fil-perċentwal ta' tnaqqis tibda tiddekorri minn dakinhar li tkun ġiet intavolata l-kawża, sakemm tingħata s-sentenza finali. Fil-fatt ġie spjegat illi r-raġuni għalfejn issir din ir-riduzzjoni hija sabiex ittaffi l-iżvantaġġ illi jikkawża l-prinċipju ta' *in illiquidis non fit mora*, b'applikazzjoni ta' liema f'każijiet bħal dawn, l-imgħax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza, u mhux mid-data tal-intavolar tal-azzjoni. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, għalkemm din il-Qorti taqbel mal-perċentwal adoperat mill-ewwel Qorti, meta ngħatat is-sentenza in prim'istanza, konsidrat il-fatt li ser tingħata sentenza finali f'dan il-każ, tmien snin wara li ġiet intavolata l-kawża, tqis opportun li dan il-perċentwal ta' tnaqqis jiġi rivedut għal 8%.

(d) Rata ta’ debilita`

27. L-aħħar punt taħt it-tieni aggravju jitratta l-grad ta’ diżabilita` permanenti stabbilita mill-espert mediku, kif adottata mill-ewwel Qorti. Hija rrelevanti l-konsiderazzjoni magħmula mill-appellant fis-sens li wara l-inċident, id-dħul tal-attur żdied mhux naqas. Kif ingħad fis-sentenza ta’ din il-Qorti tas-7 ta’ Lulju, 1998, fil-kawża fl-ismijiet **George Gatt v. Francis E Carbone** (Kollez. Vol. LXXXII.II.242) fejn ingħad hekk:

> “*Il-fatt li llum l-appellat qed jaħdem u qed jaqla’ aktar milli kien jaqla’ qabel korra ma jfissirx li l-appellat ma setax isib opportunitajiet aħjar ta’ xogħol kieku ma korriex. Id-diżabilita` neċessarjament timplika nuqqas fl-appellat, fil-potenzjal tiegħu għax-xogħol, mhux biss mal-appellant stess iżda wkoll ma’ terzi jew anke li jaħdem għal rasu.*”.

28. Min-naħa l-oħra, l-appellant jilmenta dwar il-grad ta’ 4% diżabilita` applikata mill-espert mediku maħtur mill-Qorti, li ġiet minnu adoperata minħabba deterjorament li tista’ tirriżulta fil-futur, liema deterjorament huwa ipotetiku, kunsidrat li dak il-grad ta’ diżabilita` għadu ma ġiex fis-seħħ. Isostni li mir-relazzjoni jirriżulta li, fil-mument li l-espert mediku wettaq l-inkarigu tiegħu, il-grad ta’ diżabilita` kien dak ta’ 2%, iżda jisħaq li meta żdied dan il-perċentwal għad-doppju (4%) in konsiderazzjoni tad-deterjorament li jista’ jseħħ fuq medda ta’ snin, dan kien eċċessiv u mhux proporzjonali għad-debilita` tal-attur illum. Kwindi juri l-fehma li kunsidrat li d-debilita` llum hija dik ta’ 2% u wieħed jagħti qies lill-kontinġenza ipotetika li l-kondizzjoni tal-attur tmur għall-agħar, ir-rata ta’ 3% kienet

tkun aktar ekwa, kunsidrat ukoll li l-attur kellu problema fis-smigħ li kienet antecedenti għall-każ mertu tal-proċedura odjerna.

29. Illi mir-rapport (fol. 51 u 52) tal-espert mediku Dr. Anthony J. Fenech, inkarigat mill-istess attur jirriżulta li: "*In my opinion, Mr. Montebello has a disability between 2 to 6 % according to the above classification since he completely satisfies the criteria for moderate tinnitus and partially fulfills that of severe tinnitus as a result of the alleged incident. Thus one can safely consider the percentage disability in the range of 3 to 4%*". Mentri mir-rapport tal-espert mediku Mr. Mario Said, inkarigat mill-ewwel Qorti (fol. 37 – 38) jirriżulta s-segwenti:

> *"...il-widna tax-xellug uriet deterjorament ċar u sinjifikanti fil-frekwenzi 3 sa 4kHz, dannu li huwa tipiku ta' trawma akustiku. Fl-awdjogramma tiegħi tas-7 ta' Novembru, 2014, jien stajt nikkonferma l-istess deficit, izda stajt ukoll ninnota dannu addizzjonali fil-frekwenza 6kHz. Dan il-fatt jissuġġerixxi l-eżistenza ta' progress tad-dannu tul is-snin. ...*
>
> *Meta t-tinnitus jibda mmedjatament wara li s-soġġett ikun ġie espost għal ħoss ta' natura qawwija u durata qasira, wieħed jista' raġonevolment jikkonkludi li t-tinnitus kien fil-fatt konsegwenza diretta tal-ħoss. ...*
>
> *Tul is-snin wara l-inċident is-Sur Montebello kien konsistenti fl-istorja u s-sintomi tiegħu, li kienu sintomi tipiċi ta' dannu akustiku. L-awdjogrammi esegwiti minn diversi speċjalisti konsistentement urew dannu li ma kienx preżenti qabel l-impieg. Jirriżulta diffiċli li jkun hemm dubju li t-tinnitus li qiegħed jilmenta minnu s-sur Montebello huwiex riżultat dirett tal-inċident. Il-grad ta' disturb jista' jiġi deskritt bħala wieħed moderat, partikolarment meta wieħed iqis li qatt ma nterferixxa ma' l-irqad jew max-xogħol. Tinnitus moderat li jippermetti ħajja okkupazzjonali normali u li ma jtellifx mill-irqad, u li jista' jiġi ssoportat minn deficit uditiv fuq awdjometrija tonali tipiku ta' dannu akustiku, miżurabbli u konsistenti, huwa normalment assoċjat ma' grad ta' diżabilità totali ta' 2%. ...*

> *Wieħed jista' jistenna li dannu akustiku jkompli jiddeterjora biż-żmien, u miegħu t-tinnitus f'proporzjoni diretta. Dan jidher ukoll mid-deterjorament li mmanifesta ruħu fl-erbgħa snin mill-inċident. Minkejja l-fatt li d-dannu uditiv eżistenti ma jistax illum jiġi ammess fil-kalkoli, tirriżulta raġonevoli l-konklużjoni li d-dannu jista' jaqbeż il-25dB u jista'mbad jidħol fil-kalkoli, fi żmien relattivament qasir. Minn konsiderazzjoni ta' dawn il-fatti jiena nista nikkonkludi li kalkolu ta' diżabilita totali ta 4% għal dan il-każ huwa raġonevoli u ġust."*
>
> (sottolinjar ta' din il-Qorti)

30. Dan ir-rapport ġie spjegat ulterjorment mill-istess espert waqt ix-xhieda tiegħu tat-12 ta' Frar, 2015, quddiem l-ewwel Qorti, fejn jingħad minnu:

> "*Huwa rikonoxxut fix-xjenza illi meta jkun hemm dannu udittiv dan id-difett ha jibqa' joħroġ matul is-snin. Dan hu wkoll dovut għall-fatt illi iktar ma jikber l-individwu konċernat iktar ikollu ħsarat fuq in-nerv udittiv. Il-ħamsa u għoxrin decimen (recte: decibel) li jien irreferejt għalih fl-aħħar paragrafu tar-relazzjoni tiegħi a fol. 38 tal-proċess jirrigwardja analiżi tiegħi li jiena għamilt tas-sitwazzjoni udittiva tar-rikorrenti Montebello u l-kalkoli loġiċi li jiena pprospettajt tenut kont tal-età tal-individwu u pprospettajt kemm jista' jgħix. Għalhekk aktar ma jikber aktar jiżdied iċ-ċans illi l-ħsara riskontrata tikber u taqbeż is-solja ta' ħamsa u għoxrin decimen (recte: decibel) li rreferejt għaliha. Sal-lum nista' ngħid illi din l-istorja tal-ħamsa u għoxrin decimen (recte: decibel) għadha ma ġietx maqbuża mir-rikorrenti Montebello."*

31. Minn dan kollu wieħed jista' jikkonkludi li, l-allegazzjoni li l-attur kien ibati minn problema ta' smigħ qabel l-inċident hija kontradetta mir-rapport tal-espert mediku nkarigat mill-Qorti. Min-naħa l-oħra, din il-Qorti tifhem l-ilment tal-konvenut appellant dwar il-perċentwal ta' diżabilita`. Tenut kont li r-rata ta' diżabilita` attwali hija dik ta' 2% u kunsidrat li din aktarx tiżdied fil-futur għal dik ta' 4%, tqis li tabilħaqq ikun aktar ekwu u ġust li jiġi applikat perċentwal ta' 3% għall-medda ta' snin li fuqha ser jiġu

likwidati d-danni. Għalhekk ser isiru l-kalkoli tal-likwdazzjoni tad-danni fuq dan il-perċentwal rivedut.

32. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-komputazzjoni tal-*lucrum cessans* f'dan il-każ, għandha ssir kif ġej: 3% (rata ta' diżabilita`) x €30,000 (multiplikand) x 30 (*multiplier*) = €27,000. Tnaqqis bħala *lump sum deduction* ta' 8%: €27,000 - €2,160 = €24,840, li meta magħhom tiżdied is-somma ta' €365 bħala *damnum emergens* li dwarhom ma tqanqlet l-ebda kontestazzjoni, twassal għat-total ta' €25,205. Isegwi li t-tieni aggravju tal-konvenut appellant ser jiġi milqugħ limitatament kif appena spjegat.

33. Jonqos li jiġi trattat l-aħħar aggravju tal-konvenut appellant, dak dwar il-fatt li l-ewwel Qorti kkundannatu jħallas l-imgħax mill-20 ta' Lulju, 2012, meta suppost kellu jiġi applikat il-prinċipju ta' *in illiquidis non fit mora*. Skont l-Artikolu 1139 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), "*jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta' somma determinata*" jiskattaw id-danni fil-forma ta' imgħax kalkolati bir-rata ta' 8% fis-sena. Minn qari ta' dan il-provvediment tal-liġi jista' ġustament jingħad li, *a contrario sensu*, li l-imgħax ma jiskattax jekk ma jkunx hemm somma determinata, kif ikun il-każ meta jkun meħtieġ li s-somma tiġi likwidata. Illi jekk ammont hux determinat jew le wieħed dejjem irid iħares lejn it-talbiet tal-attur. Huwa l-attur li jiffissa t-termini tal-pretensjoni tiegħu u

jagħżel jekk jitlobx ammont determinat minnu jew jitlob ammont indeterminat li għandu jiġi determinat mill-Qorti. Jekk l-ammont ma jkunx likwidu d-debitur ma jkunx jaf kemm għandu jħallas u konsegwentement ma jkunx jista' jħallas u għalhekk ma jkunx moruż fil-pagament. Dan il-prinċipju huwa konsegwenza naturali tal-fatt li qabel dik il-likwidazzjoni u approvazzjoni, id-debitur ma jistax jingħad li jkun kostitwit *in mora* għaliex ma jkunx jaf kemm għandu jagħti. Iżda dan il-prinċipju ma japplikax meta d-debitur ikun jaf sew kemm hu l-ammont dovut (minkejja li t-talba tkun għal-likwidazzjoni), jew meta d-debitu jkun ta' faċili likwidazzjoni, jew fejn il-kontestazzjoni tad-debitur tirriżulta bħala waħda frivola.

34. Fil-każ in eżami, li kien jinvolvi likwidazzjoni ta' *lucrum cessans* li min-natura tiegħu jirrendi l-ammont involut bħala wieħed inċert, peress li bbażat fuq tbassir tal-futur, ma jistax jingħad li l-ammont kien determinat, jew faċilment determinabbli. Isegwi li għandu raġun il-konvenut appellant f'dan l-aħħar aggravju tiegħu, iżda dan limitatament sa fejn jingħad minnu li l-imgħax kellu jiskatta mid-data tal-likwidazzjoni ġudizzjarja. Kwindi minkejja li din il-Qorti qegħda tvarja xi ftit il-*quantum* tad-danni, l-ammont ġie determinat permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja bis-sentenza tal-ewwel Qorti. Minn dakinhar il-konvenut ikollu ideja aktar ċara taċ-ċifri nvoluti u jista' jgħaddi sabiex jiddepożita l-flus taħt l-awtorita` tal-Qorti. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti, fl-ismijiet **Anthony Turner et v. Francis Agius et,** deċiża fit-28 ta' Novembru, 2003). Għalhekk, l-imgħax

kellu jiskatta mid-data tas-sentenza tal-ewwel Qorti u mhux mid-data ta' din is-sentenza, kif jippretendi l-appellant.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tiddeċiedi illi tilqa' f'parti l-appell imressaq mill-konvenut appellant Neil Cilia u għalhekk tvarja s-sentenza appellata tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-20 ta'Ġunju, 2017, fil-kawża fl-ismijiet premessi, billi filwaqt li tilqa' t-talbiet attriċi limitatament fil-konfront tal-konvenut Neil Cilia u tiddikjarah waħdu responsabbli għall-inċident li fih l-attur Conrad Montebello ġarrab diżabilita` permanenti, tillikwida d-danni mġarrba mill-attur fl-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf, mitejn u ħames Ewro (€25,205); tikkundanna lill-konvenut Neil Cilia jħallas lill-attur is-somma hekk likwidata ta' ħamsa u għoxrin elf, mitejn u ħames Ewro (€25,205); tordna wkoll li l-imgħax legali fuq is-somma hawn imsemmija, għandu jibda għaddej mid-data tas-sentenza tal-ewwel Qorti (20 ta' Ġunju, 2017), sal-jum tal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu mill-istess konvenut appellant Neil Cilia.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da